**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

`

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 93/2018

**31 ta' Ottubru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fl-4:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
James Cauchi – Kunsillier
Ivan Agius – Vici-Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**SKUZATI:**
Antonia Perini - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sa. Antonia Perini kienet baghtet ittra li permezz taghha talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza taghha ghas-seduti 92/2018, 93/2018 u 94/2018 minhabba ragunijiet ta' xoghol. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament iggustifika n-nuqqas tas-Sa. Antonia Perini.

## Minuti

### 93.1 Jum Bormla

93.1.1 Is-Sindku qalet illi kien jinhtieg li jigi mfassal il-programm ghal Jum Bormla 2018 li kien ser ikun qieghed jinzamm nhar id-19 ta' Novembru 2018. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-istess waqt kien jinhtieg li jkun hemm diskussjoni u tittiehed decizjoni dwar Gieh Bormla 2018 u eventwali rikonoxximenti.

93.1.2 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi ghall-2018, l-attivitajiet marbuta ma' Jum Bormla kellhom jibdew bi tqeghid ta' fjuri quddiem monument li kien hemm biswit il-knisja parrokkjali. Kellha ssegwi quddiesa tal-okkazjoni, qabel riceviment u ghoti ta' rikonoxximenti u Gieh Bormla 2018, liema attivita' kienet ser tkun qieghda tinzamm fl-oratorju tal-istess knisja parrokkjali. Kien hemm qbil illi kemm il-darba ikun possibbli, kellu jkun hemm l-involviment ta' bandisti mill-banda San Gorg ghar-riceviment.

93.1.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif sehh fis-sena precedenti, il-Kunsill Lokali kien laqa' nomini ghal Gieh Bormla 2018. Wara li ghalaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet il-Kunsill Lokali kien ircieva seba' nomini ghal sitt individwi differenti, liema nomini kienu gew mghoddija lill-bord mahtur mill-Kunsill Lokali sabiex jaghmel l-evalwazzjonijiet tieghu u jressaq ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill Lokali. Wara li inqraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-bord li kien irrakkomanda illi filwaqt li Gieh Bormla 2018 kellu jinghata lil wiehed mill-persuni nominati kellu jkun hemm ghoti ta' rikonoxximenti lill-hames persuni nominati segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss primarjament il-fatt illi tlieta mill-Kunsilli Lokali mhegga sabiex jahtru persuna fil-bord, ma kienux baghatu rapprezentant bil-konsegwenza illi l-bord in-kwistjoni kien kompost minn zewg persuni.

93.1.4 Is-Sa. Zerafa Civelli ressqet proposta sabiex il-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u filwaqt li jaghti Gieh Bormla 2018 lill-persuna identifikata, jaghti rikonoxximenti lill-hames individwi li ma gewx maghzula ghal Gieh Bormla. Ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku giet issekondata mis-Sa. Noyah Spiteri. Kien hemm erba' voti favur. Is-Sinjuri James Cauchi u Roderick Mamo ivvotaw kontra. L-istess sinjuri Cauchi u Mamo sahqu illi huma kienu vvotaw kontra mhux ghax ma kienux jaqblu mar-rakkomandazzjoni tal-bord izda ghall-

fatt illi fl-opinjoni taghhom, il-Kunsill Lokali ma kellux jibbaza d-decizjoni tieghu fuq bord kompost minn zewg individwi biss.

Is-Seduta giet fi tmiemha fil-5:35 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda.

Konfermati, illum 14 ta' Novembru, 2018

IFFIRMATA

___________________

**Alison Zerafa Civelli**

Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**

Segretarju Eżekuttiv